# IURIS MALTA
A D V O C A T E S

Chairman
Kumitat Permanenti dwar
il-Kontijiet Pubblici (PAC)
Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
Valletta

5 ta' Gunju, 2014.

Ghaziz Chairman,

Nikteb ghan-nom ta' Anthony Cassar ta' 142, Villa Marandelle, Triq Xintill, Tarxien u ta' Francis Portelli ta' 14, Aidengrove, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex.

Ninfurmak li qieghed fil-process tar-redazzjoni tal-kawza kostituzzjonali tal-klijenti tieghi. Waqt tali redazzjoni okkorrieli li ma hemm ebda *Ruling* fil-konfront ta' Anthony Cassar u Francis Portelli u, waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu, 2014, kien intqal li kellu jigu diskuss jekk ir-*Ruling* tat-3 ta' Frar, 2014 japplikax *mutatis mutandis* ghal xhieda fl-istess posizzjoni ta' Tancred Tabone.

Peress li jiena tal-fehma li *Ruling* moghti fil-konfront ta' terzi ma jistax jigi impunjat, gentilment nitolbok sabiex tiggwidani dwar jekk l-imsemmi *Ruling* japplikax ukoll ghall-klijenti tieghi.

Filwaqt li nirringrazzjak tad-differiment koncess minhabba l-indisposizzjoni ta' Francis Portelli, in vista tal-fatt li l-process rega' gie differit minghajr data, gentilment ninfurmak li s-sur Portelli ser ikun imsiefer bejn il-15 u l-20 ta' Gunju u bejn it-30 ta' Gunju u s-6 ta' Lulju, 2014.

Inselli ghalik,

***Av Stephen Tonna Lowell***

36, Archbishop Street, Valletta VLT 1447, Malta | t: (+356) 2125 2709, 2122 6331, 2124 8025, 2124 1507
f: (+356) 2124 7170 | e: info@iurismalta.com

A list of members is available on the firm's website

www.iurismalta.com